



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.3.2019  
COM(2019) 157 final

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**dwar il-progress tal-adeżjoni tal-Istati Membri mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799**

## RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

### **dwar il-progress tal-adeżjoni tal-Istati Membri mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799**

#### **1. Daħla**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799 tat-18 ta' Mejju 2015<sup>1</sup> tawtorizza lill-Istati Membri jsiru parti, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (il-Konvenzjoni STCW-F, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-konvenzjoni"), tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (I-OMI), li ġiet adottata fis-7 ta' Lulju 1995 u li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012. L-Istati Membri tal-UE kollha huma membri tal-OMI.

Din il-konvenzjoni tagħti kontribut sinifikanti mhux biss biex jitħarsu s-sajjieda iżda wkoll biex ikun hemm tbaħħir internazzjonali aktar sikur. Hija tipromwovi s-sikurezza tal-ħajja u tal-proprjetà fuq il-baħar, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-ħarsien tal-ambjent tal-baħar. Peress li s-sajd fuq il-baħar huwa wieħed mill-iktar professjonijiet perikolużi, u l-bastimenti tas-sajd u l-ekwipaġġ tagħhom jiffaċċjaw l-istess perikli u riskji fl-ibħra miftuħa bħal dawk li jiffaċċjaw il-bastimenti kummerċjali tal-baħar, it-taħriġ u l-kwalifiki x-xierqa huma mezz essenzjali biex jitnaqqas l-għadd ta' aċċidenti u biex jingħata kontribut għas-sikurezza u għas-sigurtà tal-ekwipaġġ abbord u għas-sikurezza marittima.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni STCW-F hija wkoll ta' importanza kbira b'rabta mal-moviment liberu tal-ħaddiema. Is-sajjieda jistgħu jsiru aktar mobbli u jkollhom il-possibbiltà jaħdmu abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Istati Membri kollha li jkunu Partijiet tal-Konvenzjoni STCW-F. Għalhekk, il-fatt li l-kwalifiki tagħhom jiġu armonizzati billi jiddaħħal livell minimu komuni ta' taħriġ għall-persunal tal-bastimenti tas-sajd mhux biss se jtejjeb is-sikurezza fuq il-baħar, iżda se jkompli jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tal-ħaddiema. Barra minn hekk, il-konvenzjoni se tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi fl-UE kif ukoll b'rabta ma' pajjiżi terzi.

Bħalissa, il-ħaddiema abbord il-bastimenti tas-sajd mhumiex protetti bl-istess mod bħall-baħħara fis-settur tat-trasport marittimu, li għalihom tapplika l-Konvenzjoni Internazzjonali kważi identika dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (il-Konvenzjoni STCW) tal-OMI. Filwaqt li l-Konvenzjoni STCW ġiet ratifikata minn 164 Stat Kontraenti mad-dinja kollha, fosthom it-28 Stat Membru tal-UE kollha, u ġiet implimentata fid-dritt tal-UE

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799 tat-18 ta' Mejju 2015 li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru parti, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (ĠU L 127, 22.5.2015, p. 20).

permezz tad-Direttivi 2008/106/KE, 2009/16/KE u 2012/35/UE<sup>2</sup>, il-Konvenzjoni STCW-F ġiet ratifikata minn 26 Stat Kontraenti mad-dinja kollha, li minnhom disgħa biss huma Stati Membri tal-UE.

Għal dawn ir-raġunijiet, permezz tad-Djalogo Soċjali Settorjali tagħhom dwar is-Sajd fil-Baħar, is-sħab soċjali tal-UE fil-qasam tas-sajd fil-baħar<sup>3</sup> kemm-il darba enfasizzaw l-importanza li jiġu implimentati l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd u talbu lill-Istati Membri u lill-UE jieħdu azzjonijiet xierqa b'rabta ma' dan.

L-istituzzjonijiet tal-UE wkoll urew l-impenn tagħhom f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-inizjattiva tal-UE dwar il-governanza tal-oċeani<sup>4</sup>. Kemm il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' April 2017<sup>5</sup>, kif ukoll il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2018<sup>6</sup>, talbu biex jiġu promossi kundizzjonijiet ugwali fis-suq tax-xogħol fil-qasam marittimu u biex jiġi żgurati trattamenti ġusti, billi jiġu applikati b'mod effettiv il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u billi jiġi stabbilit qafas soċjali armonizzat għall-attivitàjiet marittimi fl-ilmijiet tal-UE.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Istati Membri kollha li għandhom bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, portijiet li jilqgħu bastimenti tas-sajd tal-baħar li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni STCW-F jew istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-persunal tal-bastimenti tas-sajd huma mistiedna bis-sħiħ isiru Parti tal-konvenzjoni. Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi wkoll għandhom jiġu mħeġġa jsiru Partijiet tal-Konvenzjoni STCW-F sabiex jiġu promossi s-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd u sabiex issir ħidma favur kundizzjonijiet ekwi fuq livell dinji.

## 2. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799 tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE jsiru Partijiet tal-Konvenzjoni STCW-F. L-UE kellha tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha għal dan minħabba li r-Regolament 7 tal-Kapitolu I tal-Anness tal-konvenzjoni jidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli tal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali li ċerti kategoriji tal-persunal tal-bastimenti tas-sajd għandhom. Huwa jaffettwa

---

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (tfaġġ mill-ġdid) (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33), id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57), u d-Direttiva 2012/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva 2008/106/KE dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 78).

<sup>3</sup> Il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (il-COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (l-ETF) u l-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd (l-Europêche).

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tal-10 ta' Novembru 2016 imsejħa "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" (JOIN(2016) 49 final).

<sup>5</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' April 2017 dwar "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna" (8029/17).

<sup>6</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2018 dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna fil-kuntest tal-SDGs 2030 (2017/2055(INI)).

wkoll id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, speċjalment l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, u d-dritt sekondarju tal-Unjoni, b'mod partikulari d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup>, f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom ċertifikati rilevanti maħruġin minn Stat Membru jew minn pajjiż terz.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799 mhux biss tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE jirratifikaw il-Konvenzjoni STCW-F, iżda tteġġi ukoll biex jagħmlu dan. Huwa importanti li l-Istati Membri kollha tal-UE jirratifikaw il-konvenzjoni sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u sabiex jiġu evitati l-kunflitti bejn id-dritt internazzjonali u dak tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, u sabiex jiġi mmonitorjat il-progress li l-Istati Membri tal-UE jkunu għamli b'rabta mar-ratiffika tal-konvenzjoni, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799 jobbliga lill-Kummissjoni tibgħat dan ir-rapport ta' progress lill-Kunsill.

### 3. Sorsi ta' informazzjoni għal dan ir-rapport

Fis-16 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni kitbet lill-Istati Membri biex tistaqsihom dwar l-intenzjonijiet tagħhom li jirratifikaw il-Konvenzjoni STCW-F. Wara li waslu biss erba' tveġibiet, intbagħtu żewġ ittri ta' tfakkira lir-rappreżentanzi permanenti ta' dawk l-Istati Membri li ma kinux wieġbu. Fl-aħħar nett, b'kollox wieġbu 20 Stat Membru. Mit-tmien Stati Membri li għadhom ma weġbux, tlieta diġà rratifikaw il-konvenzjoni. Għar-ratiffiki min-naħa tal-Istati Membri ġie kkonsultat is-sit web tal-OMI dwar l-istatus tat-trattati.

### 4. Is-sitwazzjoni attwali tal-Konvenzjoni STCW-F: ratiffiki min-naħa tal-Istati Membri

Il-Konvenzjoni STCW-F ġiet irratifikata minn disa' Stati Membri (li huma **l-Belġju, id-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja**) minn total ta' 26 Stat Kontraenti<sup>8</sup> fil-livell dinji.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-19-il Stat Membru l-ieħor, irnexxilha tinġabar l-informazzjoni li ġejja.

Sitt Stati Membri, li huma **Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Iżvezja u r-Renju Unit**, qed jaħdmu biex jirratifikaw il-konvenzjoni. Fit-tveġibiet tagħhom, il-Greċja u l-Iżvezja rreferew għall-ħidma li għaddejja bħalissa b'rabta mar-reviżjoni tal-konvenzjoni attwali.

---

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professionali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

<sup>8</sup> Li huma l-Belġju, il-Kanada, ir-Repubblika tal-Kongo, id-Danimarka, l-Iżlanda, Kiribati, il-Latvja, il-Litwanja, il-Mauritania, il-Marokk, in-Namibja, Nauru, in-Netherlands, New Zealand, in-Norveġja, Palau, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Russja, Saint Lucia, Sierra Leone, l-Afrika t'Isfel, Spanja, is-Sirja u l-Ukrajna.

Erba' Stati Membri ma jqsux li hemm bżonn jirratifikaw il-Konvenzjoni STCW-F minħabba s-sitwazzjoni tal-flotta tagħhom. **L-Estonja** għarrfet lill-Kummissjoni li hija qed tapplika r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tal-Konvenzjoni STCW għall-persunal tal-bastimenti tas-sajd li jservi abbord bastimenti tas-sajd li huma itwal minn 24 metru. L-Estonja mhix beħsiebha tieħu passi biex tirratifika l-Konvenzjoni STCW-F minħabba d-daqs żgħir tas-settur tas-sajd tagħha u l-għadd limitat ta' bastimenti ta' iktar minn 24 metru tagħha (24 bastiment b'kollox). **Il-Finlandja** ma bdiex il-proċess ta' ratifika tal-Konvenzjoni STCW-F għaliex qalet li ffit huma l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera Finlandiża li jkunu jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-konvenzjoni. **Is-Slovenja** tqis li l-Konvenzjoni STCW-F mhix meħtieġa minħabba li l-bastimenti kollha fil-flotta tas-sajd Slovena huma iqsar minn 24 metru u għandhom saħħa tal-magna ta' inqas minn 750 kW. Fl-aħħar nett, **il-Bulgarija** tqis li ma għandha l-ebda bastiment li għalih tkun tapplika l-Konvenzjoni STCW-F.

Grupp ta' erba' pajjiżi mingħajr kosta, jiġifieri **l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Lussemburgu**, għarrfu lill-Kummissjoni li huma mħumiex se jirratifikaw il-konvenzjoni peress li la għandhom bastimenti tas-sajd, la għandhom portijiet tas-sajd u lanqas ma għandhom istituzzjonijiet tat-taħriġ għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri li ġejjin, li ma rratifikawx il-Konvenzjoni STCW-F, ma wegħbux għat-talba għall-informazzjoni: **il-Kroazja, Ċipru, l-Italja, Malta u s-Slovakkja**.

## 5. Konklużjoni

Ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali bħalma hija l-Konvenzjoni STCW-F huma ta' importanza kbira biex itejbu s-sitwazzjoni tal-persunal li jaħdem abbord il-bastimenti tas-sajd, biex inaqqsu l-għadd ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-gravità tagħhom u biex jippromwovu kundizzjonijiet ekwi għas-settur tas-sajd tal-UE kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha.

Barra minn hekk, ir-ratifika ta' din il-konvenzjoni se tiffaċilita wkoll il-moviment liberu tal-ħaddiema bejn l-Istati Membri, minħabba li toħloq livell minimu ta' taħriġ għall-persunal tal-bastimenti tas-sajd ibbażat fuq standards internazzjonali.

Il-Kummissjoni tinnota li mhux l-Istati Membri kollha li għandhom bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, portijiet li jilqgħu bastimenti tas-sajd tal-baħar li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni STCW-F jew istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-persunal tal-bastimenti tas-sajd irratifikaw din il-konvenzjoni jew qed jippjanaw li jagħmlu dan.

B'mod partikulari, il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri mħumiex qed jippjanaw li jirratifikaw il-Konvenzjoni STCW-F abbażi tal-fatt li ma għandhom l-ebda bastiment li jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jew li għandhom biss flotta żgħira ta' bastimenti tas-sajd li huma itwal minn 24 metru jew li għandhom saħħa tal-magna ta' iktar minn 750 kW. Madankollu, il-

Konvenzjoni STCW-F fiha dispożizzjonijiet importanti li japplikaw għall-bastimenti tas-sajd kollha, irrispettivament mit-tul tagħhom u/jew mis-saħħa tal-magna tagħhom, bħad-dispożizzjoni dwar it-taħriġ bażiku dwar is-sikurezza (ir-Regolament 1 tal-Kapitolu III) u d-dispożizzjonijiet dwar l-għassa (ir-Regolament 1 tal-Kapitolu IV). Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/799 tistieden ukoll lill-Istati Membri li għandhom portijiet li jilqgħu bastimenti tas-sajd tal-baħar li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni STCW-F jew istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-persunal tal-bastimenti tas-sajd isiru Parti ta' din il-konvenzjoni.

L-Istati Membri huma mħeġġa jonoraw l-impenji tagħhom u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ratifika, kif ukoll jappoġġaw lill-Kummissjoni fix-xogħol tagħha biex tippromwovi s-sikurezza abbord u fuq il-baħar. Ir-ratifika tal-Konvenzjoni STCW-F min-naħa tal-Istati Membri kollha kkonċernati se tistabilixxi qafas internazzjonali koerenti u aġġornat u tippromwovi kundizzjonijiet ekwi għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE u għall-persunal tagħhom fl-UE u lil hinn minnha.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.